**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 17 ta' Ottubru, 2019

Rikors Numru: 173/19 AL

**A B**

Vs

**C B nee D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Dennis Barbara li permezz tiegħu ippremetta:

1. Illi l-partijeit kienu iżżewġu fis-7 t' Awissu, 1983 u dan skond iċ-ċertifikat taż-żwieġ hawn anness bin-numru progressiv 1430/1983: Dok. 'A'.
2. Illi minn dan iż-żwieġ twieldu tlett (3) itfal E, F u G li llum huma maġġorenni.

3. Illi llum l-partijiet huma legalment separati u dan bis-saħħa ta' kuntratt ta' separazzjoni tat-18 ta' Frar, 1007 bil-kundizzjonijiet hemm indikati liema kuntratt ġie pubblikat minn Nutar Dottor Richard Vella Laurenti: Dok 'B'.

4. Illi m'hemmx possibilita raġjonevoli li l-kontendenti jerġgħu jirrikonċiljaw tant li l-partijiet qed jgħixu ħajja separati w indipendenti minn xulxin tant li għandhom ħajja totalment separata minn xulxin.

5. Illi dawn il-fatti hawn imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha meħtieġa għal ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Talab lill-intimata tgħid għaliex din il-Qorti m'għandhiex:

1. Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet;

2. Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fiż-żmien imħolli għal daqshekk mill-istess Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bil-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku ta' Malta.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur;

Rat ir-risposta tal-intimata li permezz tagħha esponiet:

1. Illi hija ma topponix għat-talba tar-rikorrent stante:-
   - Illi l-partijiet ilhom separati l-fuq minn erba' (4) snin u dan sija de facto kif ukoll de jure;
   - Illi assolutament m'hemm ebda tama' jew intenzjoni li l-esponenta tirrikonċilja mar-rikorrent;
   - Illi t-tfal tal-partijiet huma maġġiorenni w indipendenti;
   - Illi in kwantu għall-manteniment, il-partijiet huma indipendenti minn xulxin u r-rikorrent m'għandu jagħti ebda manteniment lill-esponenta.
   - Illi l-esponenti titlob li tirriverti lura għal kunjomha ta' xebba "D".

Rat l-atti kollha;

Rat id-digriet tagħha tat-23 ta' April, 2019;

Rat ir-risposta tal-intimata li giet ikkonfermata minnha bil-gurament taghha;

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi l-intimata ma oġġezzjonatx li jintlaqghu t-talbiet kollha kontenuti fir-rikors promotur b'dan illi talbet illi tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe` "Lia". IL-Qorti qegħda tilqa` din it-talba u tordna notifika ta' din is-sentenza lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku għall-azzjoni meħtiega f'dan ir-rigward;

Il-Qorti rat ukoll illi r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ippruvaw illi ilhom legalment separati mit-18 ta' Frar 1997;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvaw ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna wkoll lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku biex jieħu ħsieb illi l-intimata terġa tassumi kunjom xbubitha, u ċioe` D.

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.